**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-INFORMATIKA, TEKNOLOĠIJA U INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**LAQGĦA NRU 4**

**It-Tlieta, 24 ta' Frar 2026**

Il-Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-3.40p.m.

L-Onor. Ray Abela, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Abigail Camilleri.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 3 li saret fit-3 ta' Frar 2026, ġew konfermati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Ray Abela, fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-mistidna għal laqgħa li għamlu lill-istaff tal-Parlament u l-Membri Parlamentari fuq inizjattiva tal-AI for Parliamentarians. L-Onor. Abela introduċa lil Prof Matthew Montebello, Kap tal-Fakulta tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan l-Università, il-Prof. Joel Azzopardi u d-Dekan tal-Fakulta tal-ICT, Prof Carl Debono.

**PREŻENTAZZJONI MILL-FAKULTÀ TAL-INFORMATIKA TAL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

Saret introduzzjoni fuq dan id-dipartiment. Prof Carl Debono semma l-istrutturi li fuqhom huwa mibni d-dipartiment. Prof Joel Azzopardi semma l-kollaborazzjoni li jagħmel bħala fakulta mal-Parlament fejn jirrigwarda l-mistoqsijiet parlamentari u sistema ġdida. Prof Matthew Montebello semma l-importanza li għandha ssir upskilling u reskilling tal-ħaddiema biex idaħħlu l-Intelliġenza Artifiċjali bħala għodda fil-ħidma tagħhom.

Saru mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat fosthom fuq x'għodod għandhom l-għalliema u li hemm fl-edukazzjoni biex ikun hemm aktar aċċessibilità online.

Wara l-laqgħa, tpoġġiet il-preżentazzjoni bħala dokument tal-kumitat:

Dok 8 – Preżentazzjoni mill-Fakultà tal-Informatika fi ħdan l-Università

Fl-4.30pm, il-Kumitat aġġorna għal laqgħa oħra uffiċjali fil-binja tal-Parlament għal l-għada, l-Erbgħa, 25 ta' Frar 2026 fit-3.00pm fejn se jkun mistieden is-CEO tal-Dipartiment tal-Etika fi ħdan id-Dipartment tal-Edukazzjoni, kif ukoll il-bord tekniku, flimkien mal-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza rigward il-Konsultazzjoni Pubblika għall-Aċċessibilità u l-Użu tal-Media Soċjali.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. RAY ABELA, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**